2024/3104

12.12.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/3104

tat-2 ta' Settembru 2024

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-referenzi għall-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) stabbilixxa klassifikazzjoni statistika komuni tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ("NACE Rev. 2"), li bdiet tapplika fl-1 ta' Jannar 2008.

(2) Wara li bdiet tapplika n-NACE Rev. 2, il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni biddlu progressivament il-mod li bih ħafna attivitajiet ekonomiċi jipprovdu l-oġġetti u s-servizzi madwar id-dinja.

(3) Bħala riżultat ta' dawk il-bidliet, in-NACE Rev. 2 kellha tiġi aġġornata, biex tibqa' komparabbli u konsistenti mal-istandards għall-klassifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi użati fil-livell internazzjonali. Għaldaqstant, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137 ([3]) emenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006 u stabbilixxa l-klassifikazzjoni aġġornata ("NACE Rev. 2.1").

(4) Biex l-utenti jkunu jistgħu jivvalutaw il-bidliet dettaljati tal-kontenut fin-NACE u biex iqabblu l-verżjoni preċedenti tal-klassifikazzjoni mal-verżjoni aġġornata tagħha, fl-1 ta' Awwissu 2023 ġiet ipprovduta tabella ta' korrispondenza ([4])flimkien ma' xi noti ta' spjegazzjoni ([5]) għall-utenti tal-klassifikazzjoni.

(5) Il-korp kbir ta' leġiżlazzjoni li jistabbilixxi r-rekwiżiti għat-trażmissjoni tad-*data* li jirreferu għal taqsimiet, diviżjonijiet, gruppi jew klassijiet speċifiċi tan-NACE jinkludi r-Regolament (KE) Nru 184/2005. Sabiex jiġi żgurat li dawk ir-rekwiżiti tat-trażmissjoni jiġu espressi f'termini kompatibbli mal-klassifikazzjoni aġġornata (NACE Rev. 2.1), ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 jenħtieġ li jiġi emendat.

(6) Peress li l-granularità tal-klassifikazzjoni aġġornata hija simili għal dik tal-verżjoni oriġinali tal-klassifikazzjoni, l-emendi tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 stabbiliti f'dan ir-Regolament ma jimponu l-ebda piż sinifikanti addizzjonali fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.

([1]) ĠU L 35, 8.2.2005, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/184/oj.
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).
([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137 tal-10 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/137/oj).
([4]) https://europa.eu/!f6H9nX.
([5]) https://europa.eu/!FNRFFB.

(7) Il-konformità mal-klassifikazzjoni aġġornata jenħtieġ li ma tkunx meħtieġa minnufih, peress li huwa meħtieġ ċertu perjodu ta' żmien biex il-fornituri tad-*data* jkunu jistgħu jadattaw għar-rekwiżiti regolatorji l-ġodda. Ta' min ifakkar li r-Regolament Delegat (UE) 2023/137, li emenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006, jistabbilixxi data differita tal-applikazzjoni. Għalhekk jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun differita wkoll.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 184/2005 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025, fir-rigward tat-trażmissjonijiet tad-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat), relatati ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 184/2005, it-Tabella 8 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabella 8

Livell tad-diżaggregazzjoni tal-attività ekonomika

Livell 1	Livell 2	**NACE** (Regolament (KE) Nru 1893/2006)
	AGRIKOLTURA, FORESTRIJA U SAJD	**sec A**
ESTRAZZJONI MILL-MINJIERI U MILL-BARRIERI	**ESTRAZZJONI MILL-MINJIERI U MILL-BARRIERI**	**sec B**
	Estrazzjoni tal-petroleum grezz, gass naturali u attivitajiet ta' servizzi tal-appoġġ relatati mal-estrazzjoni mill-minjieri	div 06, 09
MANIFATTURA	**MANIFATTURA**	**sec C**
	Prodotti tal-ikel, xarbiet u prodotti tat-tabakk	div 10, 11, 12
	TOTAL attivitajiet tat-tessuti u tal-injam	div 13, 14, 16, 17, 18
	Tessuti u lbies	div 13, 14
	Injam, karta, stampar u riproduzzjoni	div 16, 17, 18
Petroleum, sustanzi kimiċi, prodotti farmaċewtiċi, prodotti tal-lastiku u tal-plastik	TOTAL petroleum, sustanzi kimiċi, prodotti farmaċewtiċi, prodotti tal-lastiku u tal-plastik	div 19, 20, 21, 22
	Kokk u prodotti tal-petroleum raffinat	div 19
	Sustanzi u prodotti kimiċi	div 20
	Prodotti tal-lastiku u tal-plastik	div 22
	TOTAL ta' prodotti tal-metall u tal-makkinarji	div 24, 25, 26, 28
	Metalli bażiċi u prodotti tal-metall fabbrikati	div 24, 25
Prodotti tal-kompjuter, prodotti elettroniċi u prodotti ottiċi	Prodotti tal-kompjuter, prodotti elettroniċi u prodotti ottiċi	div 26
	Makkinarju u tagħmir m.k.b.	div 28
Vetturi, tagħmir ieħor tat-trasport	TOTAL vetturi u tagħmir ieħor tat-trasport	div 29, 30
	Vetturi motorizzati, trejlers u semitrejlers	div 29
	Tagħmir ieħor tat-trasport	div 30
	TOTAL ta' manifattura oħra	div 15, 23, 27, 31, 32, 33
PROVVISTA TAL-ELETTRIKU, GASS, STIM U ARJA KUNDIZZJONATA	**PROVVISTA TAL-ELETTRIKU, GASS, STIM U ARJA KUNDIZZJONATA**	**sec D**

Livell 1	Livell 2	**NACE** (Regolament (KE) Nru 1893/2006)
PROVVISTA TAL-ILMA; DRENAĠĠ, IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART U ATTIVITAJIET RIMEDJATORJI	**PROVVISTA TAL-ILMA; DRENAĠĠ, IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART U ATTIVITAJIET RIMEDJATORJI**	**sec E**
	Ġbir, trattament u provvista tal-ilma	div 36
	Drenaġġ, immaniġġjar tal-iskart u attivitajiet rimedjatorji	div 37, 38, 39
KOSTRUZZJONI	**KOSTRUZZJONI**	**sec F**
TOTAL SERVIZZI	**TOTAL SERVIZZI**	sec G, H, I, J, K, L, M, N O, P, Q, R, S, T, U, V
KUMMERĊ BL-INGROSSA U BL-IMNUT	**KUMMERĊ BL-INGROSSA U BL-IMNUT**	**sec G**
	Kummerċ bl-ingrossa	div 46
	Kummerċ bl-imnut	div 47
TRASPORTAZZJONI U ĦŻIN	**TRASPORTAZZJONI U ĦŻIN**	**sec H**
	TOTAL trasport u ħżin għajr attivitajiet postali u tal-kurrier	div 49, 50, 51, 52
	Trasport fuq l-art u trasport permezz tal-pipelines	div 49
	Trasport bl-ilma	div 50
	Trasport bl-ajru	div 51
	Magazzinaġġ u attivitajiet ta' appoġġ għat-trasportazzjoni	div 52
	Attivitajiet tal-posta u tal-kurrier	div 53
AKKOMODAZZJONI U ATTIVITAJIET TA' SERVIZZI TA' IKEL	**AKKOMODAZZJONI U ATTIVITAJIET TA' SERVIZZI TA' IKEL**	**sec I**
ATTIVITAJIET TA' PUBBLIKAZZJONI, XANDIR U PRODUZZJONI U DISTRIBUZZJONI TAL-KONTENUT	**ATTIVITAJIET TA' PUBBLIKAZZJONI, XANDIR U PRODUZZJONI U DISTRIBUZZJONI TAL-KONTENUT**	**sec J**
	Pubblikazzjoni	div. 58
	Xandir u produzzjoni u distribuzzjoni tal-kontenut	div 59, 60
TELEKOMUNIKAZZJONI, PROGRAMMAR TAL-KOMPJUTER, KONSULENZA, INFRASTRUTTURA TAL-INFORMATIKA, U ATTIVITAJIET TA' SERVIZZ TAL-INFORMAZZJONI OĦRA	**TELEKOMUNIKAZZJONI, PROGRAMMAR TAL-KOMPJUTER, KONSULENZA, INFRASTRUTTURA TAL-INFORMATIKA, U ATTIVITAJIET TA' SERVIZZ TAL-INFORMAZZJONI OĦRA**	**sec K**
	Telekomunikazzjoni	div 61
	Attivitajiet oħra ta' informazzjoni u komunikazzjoni	div 62, 63

Livell 1	Livell 2	**NACE** (Regolament (KE) Nru 1893/2006)
ATTIVITAJIET FINANZJARJI U TAL-ASSIGURAZZJONI	**ATTIVITAJIET FINANZJARJI U TAL-ASSIGURAZZJONI**	**sec L**
	Intermedjazzjoni finanzjarja, għajr assigurazzjoni u finanzjament tal-pensjoni	div 64
	Attivitajiet ta' kumpaniji azzjonarji u veikoli ta' finanzjament	grupp 64.2
	Assigurazzjoni, riassigurazzjoni u finanzjament tal-pensjoni, għajr is-sigurtà soċjali obbligatorja	div 65
	Attivitajiet awżiljarji għas-servizzi finanzjarji, għajr l-assigurazzjoni u l-finanzjament tal-pensjoni	div 66
	ATTIVITAJIET IMMOBBILJARI	**sec M**
ATTIVITAJIET PROFESSJONALI, XJENTIFIĊI U TEKNIĊI	**ATTIVITAJIET PROFESSJONALI, XJENTIFIĊI U TEKNIĊI**	**sec N**
	Attivitajiet legali u kontabilistiċi	div 69
	Attivitajiet legali	grupp 69.1
	Attivitajiet kontabilistiċi, ta' żamma tal-kotba u awditjar; konsulenza tat-taxxa	grupp 69.2
	Attivitajiet tal-uffiċċji prinċipali u ta' konsulenza maniġerjali	div 70
	Attivitajiet tal-uffiċċji prinċipali	grupp 70.1
	Attivitajiet ta' negozju u ta' konsulenza maniġerjali oħra	grupp 70.2
	Attivitajiet ta' arkitettura u inġinerija; ittestjar u analiżi teknika	div 71
Riċerka u żvilupp xjentifiċi	Riċerka u żvilupp xjentifiċi	div 72
	Attivitajiet ta' reklamar, riċerka tas-suq u relazzjonijiet pubbliċi	div 73
	Reklamar	grupp 73.1
	Riċerka tas-suq u stħarriġ tal-opinjoni pubblika	grupp 73.2
	Attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi u komunikazzjoni	grupp 73.3
	Attivitajiet oħra professjonali, kemm xjentifiċi kif ukoll tekniċi, u attivitajiet veterinarji	div 74, 75
	ATTIVITAJIET TA' SERVIZZI AMMINISTRATTIVI U SERVIZZI TA' APPOĠĠ	**sec O**
	Attivitajiet tal-kiri u tal-lokazzjoni	div 77
	Attivitajiet oħra ta' servizzi amministrattivi u servizzi ta' appoġġ	div 78, 79, 80, 81, 82
	EDUKAZZJONI	**sec Q**

Livell 1	Livell 2	**NACE** (Regolament (KE) Nru 1893/2006)
	ATTIVITAJIET TAS-SAĦĦA TAL-BNIEDEM U TA' ASSISTENZA SOĊJALI	**sec R**
ARTI, SPORT U RIKREAZZJONI	**ARTI, SPORT U RIKREAZZJONI**	**sec S**
	Attivitajiet ta' ħolqien tal-arti u ta' divertiment	div 90
	Libreriji, arkivji, mużewijiet u attivitajiet kulturali oħra	div 91
	Attivitajiet ta' sport u oħrajn ta' rikreazzjoni; attivitajiet tal-logħob tal-azzard u tal-imħatri	div 92, 93
	ATTIVITAJIET OĦRA TA' SERVIZZI	**sec T**
	Attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tesserali	div 94
	Tiswija ta' kompjuters u oġġetti personali u domestiċi, u vetturi motorizzati u motoċikletti, attivitajiet oħra ta' servizz personali	div 95, 96."
	Mhux allokat	
	Xiri privat u bejgħ ta' proprjetà immobbli	
ATTIVITÀ TOTALI	**ATTIVITÀ TOTALI**	